**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. F Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 2 ta’ Ġunju 2022

Rikors Numru: 71/2016 AL
*Fl-ismijiet*:

**A B**

**vs**

**C B**

**(Numru Progressiv tal-Att taz-Zwieġ: 212/2001)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

*1. Illi l-partijiet izzewgu fis-sbatax (17) ta’ Marzu tas-sena elfejn u wiehed*

[1] Fol. 1.

*(2001) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dokument A;*

2. *Illi miz-zwieg taghhom twieldu zewgt itfa D B li twieled fis-sitta (6) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002) u E B li twieled fit-tletin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006);*

3. *Illi z-zwieg tal-kontendenti sfaxxa fix-xejn minhabba adulterju, ingurji gravi, swat, theddid, eccessi u sevizzi mill-intimat fuq martu;*

4. *Illi ghalhekk, minhabba ragunijiet imputabbli lill-intimat li ser jigu ppruvati ampjament fil-mori tal-kawza, m'ghadx hemm tama li l-partijiet isalvaw iz-zwieg taghhom u kien ghalhekk illi l-esponenti ma ellha l-ebda ghazla ohra ghajr li tintavola l-proceduri odjerni;*

5. *Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu bir-rikors guramentat permezz ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) anness u mmarkat Dokument B;*

*Jghid ghalhekk il-konvenut, ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti, ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli esklussivament lill-intimat fosthom adulterjum ingurji, theddid, swat, eccessi u sevizzi konsegwenza ta' liema z-zwieg tkisser irrimedjabbilment;*

2. *Tafda l-kura u kustodja tal-minuri D B u E B esklussivament f'idejn l-attrici;*

3. *Tiffissa manteniment ghall-esponenti personalment u ghaz-zewgt itfal tal-partijiet skond il-bzonnijiet taghha u l-mezzi u d-dhul ta' zewgha b'dan li l-manteniment ghall-minuri ghandu jibqa' jithallas anki wara li l-minuri jaghlqu t-18-il sena u sakemm huma jibqas taht il-kura tal-attrici sakemm huma jibqaw jistudjaw full-time skont il-ligi; d'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u ukoll tordna lil intimat jikkontribwixxi ghal ispejjez tal-edukazzjoni u tas-sahha ta' uliedu. Filwaqt li tiddikjara illi bl-agir tieghu l-intimat iddekada minn kull dritt li jitlob ghall-manteniment minghand martu l-esponenti;*

4. *Tordna li l-imsemmi manteniment jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-imjieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien;*

5. *Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita data minn meta l-intimat jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrenti, u dan kollu okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi sabiex jistmaw il-proprjeta' tal-partijiet u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrapprezenta lill-intimat fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att;*

6. *Tiddividi l-gid iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti millkomunjoni tal-akkwisti;*

7. *Tillikwida l-assi parafernali u dawk dotali tal-esponenti u tassenjahom lill-istess esponenti;*

8. *Tordna lill-intimat jirrestitwixxi lill-esponenti l-beni u krediti parafernali u dotali taghha;*

9. *Tapplika in toto jew in parte kontra l-intimat l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ingunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut,[2] fejn ġie eċċepit:

1. *Illi hemm qbil li ghandha tigi ddikjarata u ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, izda ghandu jigi dikjarat li l-htija tat-tkissir taz-zwieg hija imputabbli unikament lir-rikorrenti attrici, u dank if ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.*

[2] Fol. 12.

2. *Illi ma hemm l-ebda raguni valida ghala l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri tal-partijiet, u cioe D u E B, ghandha tigi fdata unikament lill-attrici. Ir-relazzjoni ta' bejn l-esponent u t-tfal tieghu dejjem kienet wahda tajba, u l-esponent qatt ma naqas milli jpoggi l-interessi tal-minuri uliedu l-ewwel u ghaldaqstant il-kura u kustodja tat-tfal ghandha tibqa' kongunta bejn il-partijiet, u mhux tigi assenjata lil xi parti jew ohra u dan fl-interess tal-minuri, u jigi dikjarat hinijiet ta' access ghall-minuri. Ir-relazzjoni bejn l-esponent u t-tfal tieghu tant hi wahda tajba illi fil-fatt is-separazzjoni bonarja ma rnexxietx bejn il-partijiet ghax it-tifel minuri E wera ix-xewqa illi jghix ma' missieru izda l-attrici ma sabitx dan l-arrangament accettabbli.*

3. *Illi r-residenza tat-tfal ghandha tkun mal-esponent filwaqt li l-attrici jkollha d-dritt ta' visitazzjoni hekk kif jidrilha xieraq tistabbilixxi din l-Onorabbli Qorti. Illi l-minuri t-tnejn jixtiequ joqghodu ma' l-esponent missierhom. Ghaldaqstant, ma jidhirx illi manteniment ghal minuri ghandhom jithallsu lill-attrici jekk il-Qorti tippermetti dan, izda jekk din l-Onorabbli Qorti jidrilha illi l-esponent ghandu jhallas manteniment ghall-istess tfal minuri, dan ghandu jkun ikkalkolat fuq id-dhul tal-esponent u l-htegijiet tal-minuri, kif ukoll trid tinghata importanza ghall-fatt li l-minuri jqattghu ammont ta' hin sostanzjali mal-esponent u ghalhekk hu jhallas l-ispejjez ukoll ghall-bzonnijiet tal-minuri meta jkunu mieghu.*

4. *Illi ma hemm l-ebda raguni ghala l-attrici ghandha tinghata manteniment ghaliha personali. Illi z-zwieg tfarrak minhabba ingurji gravi fil-konfront tal-esponent mill-attrici, hi tiddekadi milli tircievi da nil-manteniment minghand l-esponent u dan ai termini tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

5. *Illi mhux minnu li z-zwieg tal-kontendenti sfaxxa minhabba adulterju da parti l-esponent. Kwalunkwe relazzjoni li kellu l-esponent frat wara s-separazzjoni de facto tal-partijiet u cioe meta z-zwieg bejn il-kontendenti kien diga tfarrak ghar-ragunijiet hawnfuq imsemmija imputabbli esklussivament lill-attrici.*

6. *Illi t-talba li jigu dikjarati kontra l-esponnet il-provvedimenti tal-Artikolu 48 u l-Artikolu 51 sa 61 tal-Kap 16, ghandha tigi respinta u dan ghar-ragunijiet li se jigu ppruvati waqt it-trattazzjoni tal-kaz.*

7. *Illi hemm qbil li l-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi dikjarata xolta, u tigi likwidata u tinqasam f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, izda jekk din l-Onorabbli Qorti thoss illi ghandhom jigu applikati s-sanzjonijiet dawna ghandhom ikunu applikati kontra r-rikorrenti attrici.*

8. *Illi dawn il-proceduri ghandhom ikunu a spejjez tar-rikorrenti u dana stante illi ma kenux mehtiega eress illi kien hemm dikussjonijiet serji waqt is-seduti ta' medjazzjoni bejn il-partijiet biex jaslu ghal ftehim bonarju ta' separazzjoni personali.*

9. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat iċ-Ċertifikat taż-Żwieġ tal-partijiet bin-numru progressiv 212 tas-sena 2001;[3]

Rat id-digriet tat-18 ta' Marzu 2016 fejn il-Qorti ddikjarat l-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża fit-terminu stabbilit mil-liġi;[4]

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr Anna Mallia, Dr Greta Mifsud Agius, u Dr Maria Dolores Gauci, ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi;[5]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[6]

---

[3] Fol. 5.
[4] Fol. 6.
[5] Fol. 604.
[6] Fol. 603.

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara li C B ħati għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom u dan għar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 38 u 40 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Magħdud ma' dan l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenut ħati għat-tifrik taż-żwieġ;

2. Tapplika kontra l-konvenut *in toto* jew *in parte* d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili;

3. Tordna li l-kura u kustodja ta' ulied il-partijiet tkun vestita unikament f'idejn l-attriċi;

4. Tillikwida u tiffissa manteniment adegwat għall-ulied il-partijiet, kif ukoll jikkontribwixxi għall-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-istess ulied;

5. Tillikwida u tiffissa manteniment għall-attriċi;

6. Tordna li l-imsemmi manteniment jitnaqqas direttament mis-salarju jew kwalsiasi benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut

7. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, u kif ukoll tgħaddi sabiex tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti;
8. Tiddividi l-ġid komuni li ma jiffurmax parti mill-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida l-assi parafernali u dotali tal-attriċi, tassenjahom lilha u tordna lill-intimat jirrestitwixxi lill-attriċi dawk il-beni u l-krediti parafernali u dotali tagħha.

Min-naħa l-oħra, l-konvenut filwaqt li jaqbel li għandha tiġi ppronunzjata s-separazzjoni personali tal-partijiet kif ukoll li tiġi tterminata l-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijet, huwa joġġezzjona illi: (i) jiġi atribwit il-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ, (ii) il-kura u kustodja ta' ulied il-partijiet tkun vestita esklussivament f'idejn l-attriċi, (iii) ulied il-partijiet jirrisjedu mal-attriċi u li jitħallas manteniment għall-istess minuri, (iv) jingħata manteniment għall-attriċi anzi għandu jiġi dikjarat li l-attriċi ddekadiet mid-dritt li tipperċepixxi manteniment minn għand il-konvenut, u (v) għandhom jiġu applikati fil-konfront tiegħu dawk is-sanzjonijiet kontemplati fil-liġi.

## 2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taż-Żwieġ:

*Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-Allegati Tortijiet Attribwiti lill-Konvenut:*

Fl-affidavit tagħha,[7] l-attriċi tispjega illi hi u l-konvenut dejjem kellhom il-problemi fir-relazzjoni tagħhom u dan saħansitra qabel iż-żwieġ. Tispjega li waħda mill-problemi kienet li l-konvenut ma riedx jaħdem, anke meta l-ġenituri tal-attriċi kienu offrewlu jaħdem fil-ħanut tal-familja taghom huwa qatt ma ried jaf. Problema oħra kienet li l-konvenut kien jgħir għall-attriċi u kien possessiv. Fil-fatt jingħad li tul is-snin miżżewġa, il-konvenut dejjem żamm lill-attriċi lura milli tgħix ħajjtha u kienet kostretta li tibqa' d-dar mat-tfal, filwaqt li huwa baqa' jgħix ħajtu daqslikieku kien għadu ġuvni. L-attriċi tispjega ukoll li tul iż-żwieġ, hi kienet tkun ukoll imbeżża' għaliex il-kovenut għandu karattru li dejjem jara ma min ħa jiġġieled, jidgħi, kif taqbiżlu kien jispiċċa jaqbad ikisser u meta kien ikun xurban kien jerfa' jdejh fuqha. Fil-fatt l-attriċi tikkontendi li kienu ħafna dawk id-drabi fejn il-konvenut refa' jdejh fuqha, tant li tispiċċa tgħid illi ħajjitha kienet saret hekk *"lili kien isawwatni. Kien joffendini b'familtli u ma kienx japprezza x-xogħol li kont nagħmel miegħu"*.[8]

L-attriċi tkompli billi tagħti rendikont ta' episodju li kien ġara meta binhom iż-żgħir kien għad kellu sitt (6) snin. Jingħad li l-konvenut ried joħroġ ma' sħabu u l-attriċi ma riditux għaliex din kienet saret drawwa ta' kull nhar ta' Ġimgħa, filwaqt li hi tallega li ma kienx ikollha flus sabiex tixtri pakkett ħalib. Spiċċa sabiex il-konvenut issuppervja, beda jkisser, jgħolli s-siġġijiet, jimbutta lill-attriċi fuq is-sufan u benġlilha wiċċha kollu. L-attriċi u t-tfal ħarġu kif kienu barra mid-dar, u marru dritt għand omm il-konvenut li tgħix fl-istess triq, filwaqt li l-

[7] Fol. 28.
[8] *Ibid.*

konvenut beda jwadbilhom il-ġebel. Minkejja tali episodju, l-attriċi tgħid li ma għamlitx rapport għaliex kienet tibża' mill-konvenut u lanqas riedet tinkwieta lill-ġenituri tagħha, għalhekk kienet iżżomm kollox ġo fiha. Il-konvenut kellu ukoll id-delizzju taż-żwiemel, u kien ta' sikwit imur jarahom. Meta kien jirbaħ xi ħadd minn sħabu kienu jintefgħu ġewwa remissa jixorbu u mhux l-ewwel darba li kien jmur lura d-dar xurban fejn jara x'inkwiet x'ser jaqla'. L-attriċi tgħid li l-konvenut kien ikun il-Marsa kull nhar ta' Ġimgħa u Ħadd, iżda hi ma kienetx tmur miegħu għaliex tbati mill-*asthma* u ma kienetx tabbuża tmur hemmhekk.

Fi żmien ta' Ġunju 2014 l-attriċi tgħid li żewġha beda jigdeb. Beda is-sajf u bdew imorru l-baħar, fejn darba fost l-oħrajn il-baħar ġiet mara bl-isem ta' F G b'żewġt itfal żgħar, li allegatament skont il-konvenut din kienet kollega tiegħu tax-xogħol. Minkejja li l-attriċi ma riditx taf b'din il-mara, il-konvenut kien laqqagħha magħha, u t-tfal ta' din il-mara kienu jidhru li kienu ilhom jafu lill-konvenut. Appena l-partijiet marru lura d-dar, dawn iġġieldu. Il-partijiet marru l-baħar drabi oħra, u din F G reġgħet marret ħdejhom. Magħdud ma' dan, l-attriċi bdiet tinnota li l-konvenut kien qiegħed joħroġ iżda ma kienetx qiegħda temmnu dwar dak li kien qed jgħidilha li qed jagħmel, bħal eżempju meta ried imur ibajjad ir-remissa u ried jieħu miegħu xi ħwejjeġ biex jinħasel hemm u dan anke jekk ir-remissa ma kienetx f'kundizzjoni tajba, u kif ukoll bħal meta qalilha li sejjer jistad bil-lejl, iżda meta ċemplitlu ndunat li kien f'kamra u meta ġie lura d-dar ma kellux riħa ta' baħar jew ħut.

L-attriċi tispjega li darba minnhom iddeċieda li jitlaq u mar għand ommu fejn dam ġimgħa hemmhekk. Matul din il-ġimgħa, il-konvenut kien joħroġ kuljum filwaqt li l-attriċi tgħid li kienet għadha tittama li żewġha jirritorna lura d-dar. Fl-istess ġimgħa l-konvenut kien ukoll daħal l-isptar bi tferfir f'qalbu. L-attriċi kienet ċemplitlu biex toħodlu l-ikel u l-ħwejjeġ, iżda l-konvenut ma riedx li l-attriċi u t-tfal jmorru ħdejh. Meta l-konvenut rritorna lura għand ommu wara l-isptar, l-attriċi kienet qalet lil binha D sabiex jitlob lill-missieru ċ-ċellulari lura. Kif it-tifel mar lura d-dar biċ-ċellulari, l-attriċi tgħid li bdiet tiċċekkja biex tara ssibx xi ħaġa, u fil-fatt tgħid li sabet *video* fejn kien jidher il-konvenut fuq is-sodda u F G bilqiegħda ħdejh. L-attriċi marret tikkonfronta lill-konveut, iżda hu ma ammettiex.

Jingħad li wara ġimagħtejn, F G bdiet tmur ħdejh fejn iż-żiemel u kienu jorqdu flimkien fl-għalqa. Għall-ewwel il-konvenut kien jgħid li l-attriċi hija miġnuna, sakemm umbagħad kien stqarr magħha li ried joqgħod kemm magħha kif ukoll ma' F G. Madanakollu l-attriċi tisħaq li din kienet sitwazzjoni inaċċettabli. Għalhekk stenniet li t-tifel jagħmel il-griżma, u telqet għand ommha. Wara ftit

żmien, il-konvenut siefer ma' F G u l-attriċi kienet marret fid-dar matrimonjali fejn sabet ħwejjeġ u affarijiet personali ta' l-istess G, kif ukoll il-karozza tagħha pparkjata ġol-garaxx. Konsegwentament f'Diċembru tal-2014, l-attriċi ssaret taf li l-konvenut u F G kien se jkollhom tarbija flimkien, u baqħu jgħixu fid-dar matrimonjali filwaqt li l-attriċi tgħix għand il-ġenituri tagħha.

Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, l-attriċi resqet is-segwenti provi:

a. *Numru ta' ritratti li juru l-oġġetti personali u l-vettura ta' F Pamier ġewwa d-dar matrimonjali*;[9]

b. *Ittra legali datata 13 ta' Jannar 2015 mibgħuta mill-Avukat tal-attriċi lill-Avukat tal-konvenut*, fejn il-konvenut ġie interpellat sabiex ma jħallix lill-*partner* tiegħu torqod fid-dar matrimonjali;[10]

c. *Ix-xhieda ta' H J, ossija missier l-attriċi*,[11] fejn jispjega illi fi żmien meta bintu kienet għarusa lill-konvenut huwa kien diġa' ġie mgħarraf li kien vjolenti magħha iżda peress li ma tantx kien jemmen lin-nies, huwa ħalla lil bintu fil-liberta' li tiżżewweġ lill-konvenut. Meta żżewġet, huwa jgħid li kien iċemplilha kuljum u dejjem kien jisma' lill-konvenut jgħid kliem oxen biex taqta' t-telefon u barra minn hekk huwa kien fiċ-ċert ukoll li bintu kienet qiegħda tiġi msawta minn żewġha. Jisħaq li bħala missierha kien iħoss li kellu jipproteġiha iżda ma setgħax jagmel mod ieħor ħlief li ma jersaqx lejn id-dar ta' bintu u żewġha. Magħdud mal-premess, ix-xhud jgħid ukoll li huwa dejjem għin lil bintu finanzjarjament għaliex żewġha ma kellux flus. Jingħad li l-konvenuta ingħata tlett (3) darbiet opportunita' sabiex jaħdem fin-negozju tax-xhud, iżda l-konvenut dejjem irrifjuta għaliex ma riedx jaħdem u fl-istess ħin kien komdu għaliex ix-xhud kien xorta waħda jgħin lill-attriċi bintu finanzjarjament. Ix-xhud jiddikjara li l-konvenut mhux l-ewwel darba li kien jgħaddi minn quddiem il-ħanut u jgħaddi kummenti oxxeni. Għax-xhud, il-konvenut huwa *"raġel bla rispett"*.[12] Jispjega li l-attriċi u uliedha ilhom tlett (3) snin jgħixu miegħu minħabba s-swat li kienet taqla' l-attriċi minn żewġha. Huwa jikkonferma li l-konvenut qatt ma ġie jara lit-tfal, la jċempel u lanqas biss jibgħat messaġġi, u kien jgħaddilu l-flus għal *fuel* sabiex iwassal lit-tfal l-iskola. Ix-xhud jgħid li kien xtara żewġ

[9] Fol. 34 – 36.
[10] Fol. 37.
[11] Fol. 354.
[12] Fol. 354a.

vannijiet lill-konvenut, kċina *second hand*, u għinhom biex jixtru d-dar matrimonjali;

d. *L-affidavit ta' I J, ossija omm l-attriċi, li ġie maħluf u ppreżentat nhar it-12 ta' Diċembru 2017*,[13] li tikkonferma l-verżjoni ta' bintha u ta' żewġha, partikolarment dwar il-problemi kostanti bejn il-partijiet, is-swat, il-karattru vjolenti tal-konvenut, il-problemi finanzjarji stante li l-konvenut ma jkunx irid jaħdem, u l-adulterju. Ix-xhud tgħid li hi u żewġha kienu taw lill-attriċi: (i) LM1,000 għal karma tas-sodda, (ii) LM2,000 għal karozza, u (iii) LM3,000 għal kċina;

e. *Ix-xhieda ta' F G*,[14] li tikkonferma li għandha tarbija mal-konvenut li twieled nhar it-12 ta' Settembru 2015, u li flimkien joqgħodu fl-indirizz *'25A, Triq l-Immakulata Kunċizzjoni, Birżebbuġa"* iżda dalwaqt imorru jgħixu band'oħra. Ix-xhud tikkonferma li qatt ma ngħatat il-permess minngħand l-attriċi sabiex tgħix f'tali indirizz. Magħdud ma' dan, ix-xhud tispjega li hija saret taf lill-konvenut għal ħabta ta' nofs is-sena 2014 waqt ix-xogħol mal-AirMalta u bdew bħala ħbieb fejn kienu jitkellmu dwar il-problemi tagħhom li kellhom id-dar. Ix-xhud tgħid li l-konvenut *"huwa bniedem possessiv u dominant hafna. Ihobb jikkontrolla u jekk taghtih cans jiehu hajtek f'idejh. Huwa tip ta' bniedem narcissist"*.[15] Tispjega li l-konvenut kien ġiegħla titlaq mix-xogħol, iżda ma obdietx minnu. Anzi llum tgħid li m'għadhie f'relazzjoni mal-konvenut. Tikkonferma li meta kienet issiefer, il-konvenut kien imur magħha, u peress li ma kienx jaffordja daqstant kienet saħansitra tħallaslu hi. Fir-rigward tal-minuri mwielda miż-żwieġ tal-partijiet, ix-xhud tgħid li l-konvenut muguġħ dwar il-fatt li ma jarax lill-uliedu iżda fl-istess waqt tgħid ukoll li huwa ma jagħmilx sforz biżżejjed biex jarahom. Ix-xhud tikkonferma ukoll li kienet bgħatet xi messaġġi lill-attriċi, f'liema perjodu hija ma kienetx f'relazzjoni mal-konvenut għaliex kienet skopriet li l-konvenut kellu relazzjoni oħra;

f. *Kopja ta' korrispondenza bejn l-attriċi u F G fuq il-pjattaforma soċjali Whatsapp*, datata 6 u 8 ta' Novembru 2015, dwar il-karattru tal-konvenut;[16]

g. *Kopja ta' korrispondenza bejn it-tifel u l-konvenut*;[17]

---

[13] Fol. 370.
[14] Fol. 376.
[15] Fol. 377.
[16] Fol. 381.
[17] Fol. 429.

h. *Ix-xhieda ta' RPC 3025 Antonello Busuttil*,[18] fejn jikkonferma li l-attriċi għamlet ħames (5) rapporti kontra żewġha:

1. Rapport datat 15 ta' Novembru 2016, fejn l-attriċi kienet għamlet rapport minħabba li kienet qiegħda tassumi li l-konvenut kien fetaħ u ħallilha envelopp fil-ħanut *Hot Spot*, u dan minkejja li kien indirizzat fl-indirizz tad-dar matrimonjali tal-partijiet, u skont il-ftehim li kellhom il-konvenut kellu jinfurmaha b'kull karta li tirċievi. Meta ġie mitkellem il-konvenut, dan saħaq illi huwa ħallilha l-envelopp il-ħanut għaliex kien jirrigwarda t-taxxa u ma kienetx qiegħda tersaq regolarment lejn id-dar matrimonjali;[19]

2. Rapport datat 25 ta' Jannar 2016, fejn l-attriċi rrappurtat illi kienet irċievet telefonata minn għand binha E B fejn infurmaha illi wara argument verbali li huwa kellu mal-konvenut, dan tal-aħħar telaq mid-dar u ħalla lill-istess minuri mal-*partner* tiegħu F B. L-attriċi marret għal binha, u għalkemm ppruvatt tikkuntatja lill-konvenut dan kien bla suċċess. Min-naħa l-oħra meta l-konvenut ġie mitkellem, huwa jikkonferma li kien hemm argument u li huwa telaq dawra bil-karozza biex l-argument ma jkomplix jeskala;[20]

3. Rapport datat 10 ta' Diċembru 2015, l-attriċi rrappurtat li bejn id-9 u l-10 ta' Diċembru 2015 hija ppruvat kemm-il darba ċċempel lill-konvenut sabiex tkellem lit-tifel tagħhom li jgħix mal-missier;[21]

4. Rapport datat 8 ta' Novembru 2015, fejn ġie rrappurtat illi kienet ċemplet lit-tifel li jgħix ma' missieru u infurmaha li kien qiegħed waħdu fir-residenza ta' missieru. Irriżulta li t-tifel kien mal-*partner* tal-konvenut, ċertu Christina. Nelfrattemp il-konvenut kien bgħatt messaġġi b'tgħajjir u kliem indiċenti;[22] u

5. Rapport datat 30 ta' Ġunju 2015, fejn l-attriċi rrappurtat illi t-tifel iż-żgħir tagħha kien jinsab għand missieru għall-aċċess iżda meta ċemplet lill-konvenut sabiex tiġbor lura lit-tifel, huwa kien infurmaha li t-tifel ma jridx imur lura għand ommu;[23]

---

[18] Fol. 267.
[19] Fol. 270.
[20] Fol. 273.
[21] Fol. 276.
[22] Fol. 279.
[23] Fol. 282.

i. *Ix-xhieda ta' Alexia Aquilina in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili*,[24] fejn ippreżentat dokument li jistabbilixxi l-proċeduri li hemm pendenti bejn il-partijiet, u rriżulta li ġew preżentati żewġ ittri u l-azzjoni odjerna, kollha da parti l-attriċi;

j. *Ix-xhieda ta' Joseph Saliba in rappreżentanza ta' Jobsplus*,[25] fejn ippreżenta l-*employment history* tal-partijiet, u rriżulta li l-attriċi tinsab ingaġġjata ma' *Hot Spot Caterers Ltd* fuq bażi ta' *part-time* bħala *helper* sa mill-20 ta' Ottubru 2014,[26] filwaqt li l-konvenut jinsab ingaġġjat mal-*AirMalta plc* fuq bażi ta' *part-time* bħala *Temp Airport Handler* sa mit-8 ta' Mejju 2012;[27]

k. *Ix-xhieda ta' Kevin Aquilina in rappreżentanza tal-AirMalta plc*,[28] fejn eżebixxa: (i) l-aħħar payslip tal-konvenut fejn jirriżulta li kellu dħul net ta' €680.81 għal perjodu ta' ġimagħtejn,[29] (ii) l-FS3 tas-sena li tagħlaq 2016 fejn il-konvenut kellu dħul gross ta' €19,503,[30] (iii) l-kuntratt tax-xogħol tal-konvenut, (iv) addendum tal-kuntratt, (v) *email* mibgħuta lill-Assistant Ġudizzjarju Dr Greta Mifud Agius nhar it-12 ta' Jannar 2018 fejn jispjega illi r-rata ta' ħlas li kellu l-konvenut mal-AirMalta plc fis-sena 2017;[31]

l. *Ix-xhieda ta' Alex Brincat in rappreżentanza ta' AirMalta plc*,[32] fejn ikkonferma li l-konvenut qiegħed fil-preżent jaħdem fuq bażi *full-time* u jinsab fuq kuntratt *indefinite*. Jippreżenta numru ta' *payslips* tal-konvenut għas-sena 2019,[33] 2018,[34] 2017,[35] u 2016;[36]

---

[24] Fol. 300.
[25] Fol. 299.
[26] Fol. 303.
[27] Fol. 306.
[28] Fol. 354a, 376.
[29] Fol. 359.
[30] Fol. 360.
[31] Fol. 389.
[32] Fol. 534.
[33] Fol. 444 – 454, *Payslips*: €678.94, €664.68, €652.30, €1083.15, €814.91, €839.22, €461.05, €696.88, €595.96, €613.27, €699.04, €700.19;
[34] Fol. 456 - 481, *Paylips*: €996.45, €682.48, €700.30, €601.52, €732, €725.60, €692.68, €731, €722.50, €602.52, €731, €705.46, €703.15, €826.54, €705.72, €731.95, €730.32, €654.35, €680.42, €1813.47, €698.45, €571.20, €863.71, €1843.55, €562.45, €846.19;
[35] Fol. 482 - 507, *Paylsips*: €698.80, €655.67, €1100.62, €754.99, €680.81, €727.38, €944.08, €999.05, €698.07, €669.44, €683.28, €553.06, €883.38, €783.36, €792.21, €743.53, €562.99, €612.65, €576.41, €787.63, €546.96, €618.64, €568.21, €577.99, €657.43, €593.29;
[36] Fol. 508 - 533, *Paylips*: €855.73, €810.01, €520.28, €688.51, €615.35, €841.11, €732.59, €1377.48, €597.45, €599.95, €444.32, €520.28, €811, €760.15, €613.70, €489.06, €559.35, €710.49, €793.06, €418.06, €605.27, €392.60, €381.52, €405.22, €367.91, €507.27;

m. *Ix-xhieda ta' Joanna Bartolo in rappreżentanza tal-Bank of Valletta plc*,[37] fejn ikkonfermat li:

1. Fuq isem l-attriċi, hemm ħames (5) kontijiet:
   a. Bin-numru 12303566019 bħala *savings account;*[38]
   b. Bin-numru 40014451359 bħala *young savers account* għan-nom ta' D B,[39] li ngħalaq f'Jannar 2014;
   c. Bin-numru 40022198921 bħala *savings account* għan-nom ta' D B;[40]
   d. Bin-numru 40022685780 bħala *savings account;*[41]
   e. Bin-numru 40023463545 bħala *savings account;*[42]

2. Fuq isem il-konvenut, hemm żewġ kontijiet:
   a. Bin-numru 12303942015 bħala *savings account,*[43] iżda li llum huwa magħluq;
   b. Bin-numru 13504904013 bħala *savings account;*[44]

3. Fuq isem il-partijiet b'mod konġunt, hemm ħames (5) kontijiet:
   a. Bin-numru 40013870795 bħala *house loan;*[45]
   b. Bin-numru 40013870847 bħala *house loan;*[46]
   c. Bin-numru 40014072110 bħala *savings account;*[47]
   d. Bin-numru 40015062284 bħala *young savers account* għan-nom ta' E B;[48]
   e. Bin-numru 40016662434 bħala *consumer loans,*[49] iżda li llum huwa magħluq;

4. Fuq isem l-attriċi flimkien ma' terzi, ċjoe' ma' I J, hemm żewġ kontijiet:

[37] Fol. 42, 391.
[38] Fol. 95 – 112.
[39] Fol. 113 – 122.
[40] Fol. 123 – 124.
[41] Fol. 125 – 126.
[42] Fol. 127.
[43] Fol. 192 – 203.
[44] Fol. 204 – 262.
[45] Fol. 128 – 138.
[46] Fol. 139 – 149.
[47] Fol. 150 – 175.
[48] Fol. 176 – 185.
[49] Fol. 186 – 191.

a. Bin-numru 40022171760 bħala *term deposit account* għan-nom ta' D B;[50]
b. Bin-numru 40012086593 bħala *young savers account* għan-nom ta' D B, liema kont ingħalaq nhar is-16 ta' Jannar 2014;[51]

5. Fuq isem il-konvenut flimkien ma' terzi, ċjoe' ma' F G, hemm kont wieħed bin-numru 40024364944 bħala *young savers account* għan-nom ta' K B;[52]

n. *Ix-xhieda ta' Alison Mifsud Miller in rappreżetanza tal-HSBC Bank Malta plc*,[53] fejn ikkonfermat li:

1. Fuq isem l-attriċi, hemm kont wieħed bin-numru 047112024050 bħala *savings account*, iżda li ġie magħluq:[54]
2. Fuq isem il-konvenut, hemm kont wieħed li għadu attiv bin-numru 047042130050 li huwa *savings account*;[55]

o. *Ix-xhieda ta' Karen Cremona in rappreżentanza ta' Transport Malta*,[56] li tikkonferma li fuq isem l-attriċi ma hemm l-ebda vettura rreġistrata,[57] filwaqt li fuq isem il-konvenut hemm:[58]

1. Żewġ (2) vetturi reġistrati fuq ismu li jinsabu fit-triq, ċjoe' vettura tat-tip Toyota Platz bin-numru ta' reġistrazzjoni BBS-196 li ġiet reġistrata fuq isem il-konvenut mis-6 ta' Mejju 2015,[59] u vettura tat-tip Ford Escort bin-numru ta' reġistrazzjoni JBC-515 li ġiet irreġistrata fuq isem il-konvenut mit-18 ta' Novembru 1999;[60]

2. Żewġ (2) vetturi oħra jinsabu ġġaraxxjati, u ċjoe' l-vettura tat-tip Honda 600 bin-numru ta' reġistrazzjoni FAH-393,[61] u l-vettura tat-tip Daihatsu YRV bin-numru ta' reġistrazzjoni JBJ-819,[62] li ilhom

---

[50] Fol. 394.
[51] Fol. 397.
[52] Fol. 410.
[53] Fol. 42.
[54] Fol. 64 – 94.
[55] Fol. 45 – 63.
[56] Fol. 267, 420.
[57] Fol. 294.
[58] Fol. 284.
[59] Fol. 287.
[60] Fol. 293.
[61] Fol. 285.
[62] Fol. 291.

iggaraxxjati sa mill-15 ta' Ġunju 2011 u t-28 ta' Settembru 2016 rispettivament;

3. Vettura oħra *scrapped*;[63]

Konsegwetament f'xhieda ulterjuri, ix-xhud ikkonfermat li minn riċerka li għamlet jirriżulta li fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JBJ-819, il-konvenut jikkwalifika biex jieħu l-VAT lura, liema somma tammonta għal €628.93.[64] Barra minn hekk tikonferma li fis-sena 2014, il-konvenut ħa ukoll rifużjoni ta' €110,[65] u fid-dawl ta' applikazzjoni li saret fl-2018 il-konvenut huwa ukoll eleġibbli għal rifużjoni ta' €518.93;[66]

p. *Valuation Report tal-proprjeta' bl-indirizz "25A, Triq il-Kunċizzjoni, Birżebbuġa"*, redatt mill-Perit Silvienne Camileri, liema rapport huwa datat 5 ta' April 2018 fejn il-proprjeta' in kwistjoni ġiet stmata għal €100,000;[67]

q. *Kuntratt ta' xiri tal-proprjeta' bl-indirizz "25A, Triq il-Kunċizzjoni, Birżebbuġa"*, liema kuntratt huwa datat 2 ta' Marzu 2005 u jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Andre Farrugia.[68]

*Il-Verżjoni tal-Konvenut u l-Allegati Tortijiet Attribwiti lill-Attriċi:*

Il-Qorti tara li nonostante l-fakolta' li kellu l-intimat li jressaq il-provi tiegħu, huwa għażel li jibqa' inadempjenti. Għalhekk ebda prova ma tresqet u fid-dawl ta' dan il-Qorti kellha tagħlaq l-istadju tal-provi tal-konvenut, u tinsab sprovvista mill-verżjoni tiegħu dwar il-fatti u l-mertu tal-każ odjern.

*Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Każ Odjern*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal każ odjern.

*a. Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid jew Offizi Gravi*

[63] Fol. 288.
[64] Fol. 425.
[65] Fol. 426 – 427.
[66] Fol. 428.
[67] Fol. 413.
[68] Fol. 434, 540.

Dan l-artikolu tal-liġi jistipula illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

F'dan ir-rigward, il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[69] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. Fis-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**,[70] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[71] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra".*

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[72] Fin-natura tagħha, il-vjolenza

[69] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[70] Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[71] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[72] **Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.

domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[73] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[74]; *Skond l-istess Qorti "Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[75]

*b. Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili: Adulterju*

L-adulterju wkoll huwa motiv għas-separazzjoni fil-liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula: *"Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra".*[76] Magħdud ma' dan, il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi *"L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza sseparazzjoni personali".*[77]

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jagħti prova tagħha. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. C Scicluna**[78] fejn ġie dikjarat li: *"L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika".*

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:*

Mill-provi jirriżulta ċar illi l-partijiet iżżewġu nhar is-17 ta' Marzu 2001, minn liema żwieġ għandhom żewġt itfal, ċjoe' D u E, aħwa B. Sfortunatament il-partijiet irriskontraw problemi fil-ħajja konjugali li wasslu għall-isfaxximent tal-istess, bir-riżultat li l-attriċi sfat sabiex bdiet il-proċeduri odjerni kontra l-kovenut,

[73] Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[74] **Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[75] **Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.
[76] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[77] **Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass**, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP).
[78] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP).

fejn tisħaq illi ż-żwieġ sfaxxa minħabba: (i) l-adulterju tal-konvenut, (ii) is-sitwazzjoni finanzjarja minħabba n-nuqqas ta' introjtu stante li l-konvenut ma kellux ħajra jaħdem, u (iv) vjolenza da parti l-konvenut, liema kwistjonijiet skont l-attriċi taw lok għal eċċessi, theddid, moħqrija, inġurji gravi, vjolenza domestika u adulterju.

Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-provi kollha, hija waslet għal konklużjoni illi ż-żwieġ tal-partijiet tfarrak minħabba l-aġir tal-konvenut:

i. *Rigward l-adulterju*, il-Qorti tara li ma hemm l-ebda dubju dwar il-fatt li l-konvenut kellu relazzjoni extra-matrimonjali matul iż-żwieġ. Dan huwa kkonfermat mix-xhieda ta' F G li tikkonferma l-verżjoni tal-attriċi, u ċjoe' li l-konvenut beda relazzjoni mal-istess G għal ħabta tas-sena 2014 bil-konsegwenza li din ħarġet tqila f'Diċembru 2014 u weldet tifel bl-isem ta' K B f'Settembru 2015. Fil-fatt il-konvenut stess jammetti li huwa kellu tifel ma' F G u li kien jgħix magħha fid-dar matrimonjali, u dan wara li martu kienet telqet mid-dar matrimonjali. Għaldaqstant il-Qorti ssib il-verżjoni tal-attriċi verosimili, attendibbli u sodisfaċentament ikkorraborata. Madanakollu mill-atti jirriżulta illi din ma kienetx l-unika relazzjoni adultera li kellu l-konvenut, hekk kif jirriżulta li konsegwentament il-konvenut kellu ukoll relazzjoni ma' ċertu Christina u wara ukoll ma' waħda bl-isem ta' L – u dan kif ikkonfermat mill-konvenut innifsu, mir-rapporti mal-Pulizija, u kif ukoll mill-korrispondenza bejn l-attriċi u F G. Fid-dawl ta' dan, ma hemm l-ebda dubju illi l-konvenut kien adelturuż fl-aġir tiegħu, hekk kif bir-relazzjoni tiegħu ma' F Plamier huwa ta lok għat-tkissir taż-żwieġ tiegħu mal-attriċi, u wara li r-relazzjoni tiegħu ma' G intemmet, huwa kompla jkisser iż-żwieġ ulterjorament billi beda relazzjonijiet adulteri oħra;

ii. *Rigward is-sitwazzjoni finanzjarja minħabba n-nuqqas ta' introjtu stante li l-konvenut ma kellux ħajra jaħdem*, il-Qorti tara mill-*employment history* ippreżentata jidher li l-konvenut kellu numru ta' impjiegi fejn għal żmien twil jidher li ma kienx kapaċi jżomm impjieg għal żmien twil. Fil-fatt il-Qorti tara li l-impjiegi tal-konvenut mis-sena 1996 kienu numerużi:

    a. Xogħol ma' General Precast Concrete Ltd, mit-30 ta' Jannar 1995 sal-15 ta' Mejju 1995 – durata ta' tlett (3) xhur u nofs;

b. Xogħol ma' B Service Station and Plant Hire, mis-16 ta' Ottubru 1995 sal-15 ta' Diċembru 1995 – durata ta' xahrejn;
c. Xogħol ma' General Precast Concrete Ltd, mit-8 ta' Jannar 1996 sad-9 ta' Lulju 1996 – durata ta' sitt (6) xhur;
d. Xogħol ma' B Service Station and Plant Hire, mit-12 ta' Awwissu 1996 sad-19 ta' Awwissu 1996 – durata ta' ġimgħa;
e. Xogħol ma' General Precast Concrete Ltd, mid-29 ta' Settembru 1997 sal-5 ta' Novembru 1997 – durata ta' xahrejn;
f. Xogħol ma' B Service Station and Plant Hire, mill-1 ta' Diċembru 1997 sat-3 ta' April 1998 – durata ta' erba' (4) xhur;
g. Xogħol ma' Hot Spot Pastizzeria, mis-6 ta' Settembru 1999 sas-7 ta' Lulju 2000 – durata ta' għaxar (10) xhur;
h. Xogħol ma' C B, mit-18 ta' Settembru 2000 sas-16 ta' Marzu 2001 – durata ta' sitt (6) xhur;
i. Xogħol ma' Paul J, mis-27 ta' Awwissu 2001 sas-7 ta' Settembru 2001 – durata ta' ħdax-il (11) jum;
j. Xogħol ma' Hot Spot Pastizzeria, mil-1 ta' Novembru 2004 sal-21 ta' Lulju 2005 – durata ta' tmien (8) xhur;
k. Xogħol mal-Air Malta plc, mit-8 ta' Mejju 2012 sal-preżent.

Mis-suespost jirriżulta ċar illi qabel ma żżewweġ il-konvenut qatt ma kien stabbli fl-impjiegi tiegħu, u wara li żżewweġ jidher li ma tantx ħadem f'xogħolijiet dikjarati. Min-naħa tagħha l-attriċi tgħid illi l-konvenut għamel żmien jirreġistra, madanakollu prova ta' dan ma ġietx imresqa permezz tax-xhieda tar-rappreżentant tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali, u barra minn hekk il-Qorti rat li mill-*istatements* bankarji ma kienx jidher li kien hemm xi introjtu mid-Dipartiment imsemmi għajr għall-*allowance* tat-tfal. Fid-dawl tal-premess, il-Qorti hija konvinta illi bl-aġir tiegħu l-konvenut ma mexiex fl-interess ta' familtu bil-*bonus paterfamilias* u b'tali attitudni indubjament ħoloq fil-familja tiegħu ċertu sens ta' inċertezza għaliex naturalment bla impjieg fiss ma kienx hemm introjtu stabbli u konsistenti għall-għixien tagħhom, u per konsegwenza tali aġir ikkontribwixxa għal sitwazzjoni ta' diffikulta' finanzjarja. Il-Qorti għalhekk ma għandha l-ebda raġuni biex ma temminx lill-attriċi illi f'tali sitwazzjoni huma kellhom jibqgħu neqsin minn ħafna affarijiet, u jgħixu b'affarijiet bażiċi. Il-Qorti lanqas ma għandha raġuni sabiex ma temminx lill-ġenituri tal-attriċi illi huma kienu jgħinu lil

binthom finanzjarjament sabiex hi u uliedha ma jkunu neqsin minn xejn għal ħajja ta' kuljum;

*iii.* <u>Rigward il-vjolenza domestika fiżika,</u> fejn l-attriċi tgħid li kienet il-vittma ta' swat da parti l-konvenut, u dan anke għaliex di natura l-konvenut huwa bniedem għajjur u possessiv. Il-vjolenza domestika hija definita bħala *"kull att jew ommissjoni li tinvolvi l-użu ta' vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika li tirriżulta fi ħsara jew tbatija fiżika u, jew morali, inkluż it-theddid ta' dak l-att jew ommissjoni, sfurzar, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja jew unità domestika, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhud ta' vjolenza fi ħdan il-familja jew unità domestika".*[79]

Il-Qorti tara li fil-każ odjern l-attriċi tittenta tikkonvinċi lill-Qorti li l-konvenut huwa kemm aggressiv kif ukoll vjolenti tant li sfat vittma ta' vjolenza domestika. Minkejja li l-Qorti ma għandha l-ebda dubju li l-konvenut għandu karattru aggressiv, u dan kif ser jiġi spjegat segwentament, il-Qorti xorta waħda tara li mill-atti ma jirriżultawx provi oġġettivi ta' vjolenza domestika fiżika. L-attriċi tallega episodji fejn il-konvenut kien vjolenti fizikament magħha, iżda f'dan ir-rigward ma ġewx ippreżentati l-ebda rapporti li saru mal-Pulizija, jew ċertifikati maħruġa mid-Dipartiment tas-Saħħa Primarja. Il-Qorti tisħaq illi ma tistgħax tiddeċiedi dwar il-vjolenza domestika b'mod leġġer u dan abbazi ta' allegazzjonijiet mhux ppruvati, iżda l-Qorti tirribadixxi illi meta si tratta vjolenza domestika l-Qorti għandha tiġi ppreżentata bi provi konkreti li jistabbilixxu b'mod inekwivoku li l-vjolenza pperpetrata hija ripettitiva u kostanti, u mhux xi att singolari u iżolat.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti hija konvinta li l-konvenut huwa raġel aggressiv u b'demmu spont. F'dan ir-rigward huwa opportun li jiġi sottolinejat illi: *"l-aggressivita' għandha tiġi definita bħala mod ta' kif wieħed iġib ruħu meta kkonfrontat b'ċertu sitwazzjonijiet. L-aggressivita' f'persuna tista' twassal għal biza' u skumdita' f'persuna oħra, għaliex jekk l-aggressivita' ma tiġix kontrollata din tista' twassal għal vjolenza. Għaldaqstant l-aggressivita' u l-vjolenza ma humiex sinonimi għal xulxin u b'hekk ma jistgħux jintefaw fl-*

[79] Artikolu 2 tal-Kapitolu 518 (Att dwar il-Vjolenza abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika).

*istess keffa. Pero' għalkemm huma distinti minn xulxin, jista' jagħti l-kaz li l-aggressivita' tista' twassal għal vjolenza f'kaz li jkun hemm eskalazzjoni ta' argument".*[80]

Sabiex waslet għal konklużjoni li l-konvenut huwa aggressiv, il-Qorti rat ix-xhieda ta' F G fejn iddeskriviet lill-konvenut bħala bniedem possessiv, dominanti, *controlling* u narcissist. Min-naħa l-oħra, rat ukoll li missier l-attriċi jgħid li l-konvenut huwa raġel bla rispett. Konsegwentament, dan kollu seta' jiġi kkonfermat permezz tal-korrispondenza elettronika li kien hemm bejn D B u l-konvenut fuq il-pjattaforma soċjali *Messenger* fejn il-konvenut stess ma kellu l-ebda kompassjoni lejn ibnu iżda tkellem miegħu bl-iktar mod aggressiv, insensittiv u bi kliem mhux xieraq.

Fi kwalunkwe każ, il-Qorti hija konvinta li l-karattru tal-konvenut serva ta' moħqrija u nġurji gravi fuq il-persuna tal-attriċi. Madanakollu, ma jistgħax jingħad illi fl-istess waqt kien hemm prova ta' theddid u eċċessi.

Għaldaqstant jirriżulta b'mod inekwivoku illi hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, u dan tenut kont tal-fatt ukoll illi mill-atti jirriżulta li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejn l-partijiet. Adoperat dan ir-raġjunament għall-każ partikolari hawn fuq eżaminat, jibbasta biex jikkonvinċi illi l-azzjoni odjerna hija ġustifikata abbazi tal-Artikolu 38 u 40 tal-Kodiċi Ċivili. B'hekk il-Qorti għandha raġunijiet serji sabiex tasal għal konklużjoni li ż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u konsegwentament issib lill-konvenut ħati ta' adulterju, moħqrija u nġurji gravi.

## 3. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenut:

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' żewġha d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili.

Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taż-żwieġ ai termini

[80] **Francesca Tenimu vs Dr Mark Mifsud Cutajar et noe**, deċiża minn din il-Qorti kif preseduta nhar it-2 ta' Diċembru 2021, (Rikors Ġuramentat Numru 92/2020 AL), mhux appellata.

tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. Fil-każ odjern, l-konvenut huwa ħati ta' adulterju, moħqrija u nġurji gravi, għaldaqstant il-Qorti hija kostretta li tapplika fil-konfront tiegħu is-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili.

## 4. Manteniment għall-Attriċi:

Fir-rikors ġuramentat tagħha, l-attriċi titlob lil Qorti sabiex tordna lil konvenut iħallasha manteniment adegwat għaliha nnifisha. Fl-ewwel lok il-Qorti tibda sabiex tirrileva li in vista li l-konvenut instab ħati għat-tifrik taż-żwieġ, il-Qorti applikat fil-konfront tiegħu s-sanzjonijiet kif stipulati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili u dan kif spjegat fit-tielet taqsima ta' din is-sentenza. Min-naħa l-oħra, u fid-dawl tal-fatt li l-attriċi ma nstabitx ħatja bħall-attur, din tal-aħħar għandha l-jedd li titlob il-manteniment minn għand żewġha u dan skont l-obbligu li jitnissel miż-żwieġ. Madanakollu għandu jiġi ribadit illi *"il-kundanna ta' hlas ta' manteniment ma hiex marbuta mal-htija ghat-tkissir taz-zwieg izda mac-cirkostanzi partikolari tal-kaz referibbli ghad-dhul rispettiv tal-partijiet u l-htigijiet taghhom".*[81]

Għaldaqstant fil-każ odjern kien jinkombi fuq l-attriċi l-oneru li tressaq il-provi rigward il-ħtiġijiet u d-dħul rispettiv tal-partijiet ġialadarba resqet talba għall-manteniment. Dan ifisser li l-attriċi kien jeħtieġilha illi tistabbilixxi: (i) l-introjtu tal-partijiet, (ii) prova li l-introjtu tagħha ma huwiex suffiċjenti tenut kont tal-elenku tal-ħtiġijiet tagħha, u (iii) raġuni suffiċċjenti għaliex qiegħda tippretendi li titħallas manteniment fix-xahar minngħand il-konvenut. Il-Qorti tara li f'dan il-kuntest, l-attriċi resqet biss ix-xhieda tar-rapprezentant tal-Jobsplus li ppreżenta l-*employment history* tal-partijiet, iżda naqset milli tippreżenta dawk il-provi kif ritenut hawn fuq. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara li fl-affidavit tagħha, l-attriċi rriteniet illi rigward din il-kwistjoni hija tħalli f'idejn id-diskrezzjoni tal-Qorti.[82]

Tenut kont tal-premess, il-Qorti tinsab moralment konvinta illi fil-preżent, l-attriċi ma jeħtiġilhiex tiġi mantenuta mill-konvenut, u dan fid-dawl tal-fatt illi: (i) jirriżulta ċar l-attriċi taħdem sabiex tgħajjex lil familja, u barra minn hekk mill-

[81] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Donald Pirotta vs Elizabeth Pirotta**, deċiza mill-Qorti tal-Familja nhar is-17 ta' Ottubru 2016, mhux appellata.
[82] Fol. 33.

*employment history* jirriżulta li ilha għal żmien twil taħdem mal-kumpanija *Hot Spot Ltd.*, u b'hekk hija kapaċi tkun finanzjarjament indipendenti, (ii) mill-atti ma rrizultax li l-attriċi għandha xi impediment milli taħdem, u (iii) matul il-kawża odjerna, l-attriċi qatt ma resqet talba sabiex *pendente lite* tingħata manteniment.

Għaldaqstant il-Qorti f'dan l-istadju, u *rebus sic stantibus*, ma tarax li l-attriċi għandha tipperċepixxi manteniment minn għand il-konvenut u dan ġialadarba hija finanzjarjament indipendenti u m'għandha l-ebda impediment milli taqla' l-għixien tagħha b'mod indipendenti. Madanakollu u fi kwalunkwe l-każ, il-Qorti tikkjarifika li minkejja tali ordni, dan ma għandux ifisser li l-attriċi qiegħda b'xi mod titlef il-jedd tagħha li fil-futur titlob manteniment minn għand l-konvenut u dan f'każ ta' tibdil fiċ-ċirkostanzi li jikkonstrinġu lill-attriċi titlob lill-żewġha għajnuna finanzjarja permezz ta' manteniment.

## 5. Kura, Kustodja, Aċċess u Mantaniment għall-Minuri:

Miż-żwieġ tal-partijiet twieldu żewġt itfal, u ċjoe' D B, imwieled nhar is-6 ta' Jannar 2002, u E B imwieled nhar it-30 ta' Jannar 2006. Dan ifisser illi fil-preżent: (i) D għandu għoxrin (20) sena, huwa maġġorenni, u għalkemm ma tresqet l-ebda prova jidher li hemm qbil bejn il-partijiet li binhom għadu qed jistudja fuq bażi *full-time* ġewwa l-MCAST,[83] u (ii) E B għandu sittax-il (16) sena, għadu minorenni u student.

Fid-dawl ta' dan jirriżulta illi ma hemmx lok għal din il-Qorti illi tieħu konjizzjoni tal-kwistjonijiet relatati mal-kura, kustodja u aċċess fir-rigward ta' D B. Madanakollu, ġialadarba hemm qbil bejn il-partijiet li D għadu qed jistudja fuq bażi *full-time* ġewwa l-MCAST, il-Qorti ma tistgħax tqis lil-istess D bħala iben li huwa finanzjarjament indipendenti.

Għalhekk dak li għandu jiġi deċiż f'dan l-istadju huwa l-kura, kustodja, aċċess u manteniment tal-minuri E B, u kif ukoll il-manteniment għal D B.

*Is-Sitwazzjoni pendente lite ta' Ulied il-Partijiet:*

[83] Ara fol. 604, 613.

Is-sitwazzjoni ta' ulied il-partijiet matul il-proċeduri odjerni u dan fir-rigward ta' kura, kustodja, aċċess u manteniment, ġew regolati kronoloġikament kif imfisser hawn isfel:

**Digriet datat 18 ta' Jannar 2016,**[84] il-Qorti ordnat lill-intimat sabiex iħallas manteniment għal minuri D fl-ammont ta' €200 fix-xahar u dan oltre nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni; Tali digriet ma kienx ingħata fir-rigward ta' E għaliex dak iż-żmien kien qiegħed jirrisjedi mal-intimat;

**Fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2016,**[85] fuq talba tal-attriċi, l-Qorti rregolat l-aċċess għall-minuri fis-sens illi: *"nhar ta' Erbgħa bejn l-4:00pm u s-7:00pm u alternattivament is-Sibt bejn l-10.00am u t-3:00pm u l-gimgha ta' wara l-Hadd fl-istess hinijiet"*;

**Rikors tal-attriċi datat 24 ta' Mejju 2016,**[86] fejn talbet lil Qorti sabiex: (i) tordna lill-intimat iħallas manteniment għal E stante li dan qed jirrisjedi mal-attriċi, kif ukoll iħallas nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari, u (ii) tordna lill-intimat iħallas nofs l-ispejjeż tal-attivitajiet extra-kurrikulari ta' D;

**Risposta tal-konvenut datata 10 ta' Ġunju 2016,**[87] fejn talab li l-Qorti tiffissa manteniment raġjonevoli tenut kont tal-introjtu limitat li għandu l-intimat jew tordna li l-minuri jmorru jirrisjedu ma' missierhom;

**Digriet tal-14 ta' Ġunju 2016,**[88] fejn il-Qorti laqgħat it-talbiet tal-attriċi u ordnat lill-intimat iħallas €200 fix-xahar bħala manteniment għal E B;

**Rikors tal-attriċi datat 3 ta' Lulju 2017,**[89] fejn talbet lill-Qorti sabiex: (i) tordna li l-kura u kustodja tal-minuri tkun vestita esklussivament f'idejn l-attriċi, (ii) tawtorizza lill-esponenti tapplika waħedha għall-passaport tal-minuri u dan mingħajr il-kunsens tal-konvenut, (iii) tordna lill-intimat iħallas manteniment ta' €550 fix-xahar għaż-żewġ minuri bħala manteniment li jinkludi sehemu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari, liema manteniment għandu jinqata' direttament mill-paga jew kwalsiasi benefiċċju li jirċievi l-konvenut, (iv) tordna li l-manteniment

[84] Issir referenza fir-rikors a fol. 18.
[85] Fol. 21.
[86] Fol. 18.
[87] Fol. 24.
[88] Fol. 26.
[89] Fol. 314.

jogħola kull sens skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja, (v) tordna li fid-dar matrimonjali ma jidħlux terzi persuni għajr għal partijiet u uliedhom, u konsegwentament tordna lil F G tiżgombra mid-dar matrimonjali, (vi) tiddikjara li l-konvenut għandu jħallas lill-esponenti kumpens għal okkupazzjoni illegali fil-fond minn terzi minn Novembru 2014 sad-data taliżgumbrament effettiv, u (vii) tillikwida kumpens dovut lill-attriċi millkonvenut, li għandu jirrifletti l-valur tal-kirja ta' postijiet simili ġewwa Birżebbugia;

**Risposta tal-konvenut datata 14 ta' Lulju 2017**,[90] fejn oġġezzjona għattalbiet kif dedotti; - ippreżenta kopja tal-FS3 tiegħu għas-sena li tagħlaq 2016 fejn id-dħul gross huwa dak ta' €19,503;

**Digriet tat-18 ta' Lulju 2017**,[91] fejn il-Qorti ċaħdet l-ewwel żewġ talbiet, filwaqt li ordnat lill-intimat iħallas €500 fix-xahar bħala manteniment għallminuri liema somma tinkludi nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri, tilqa' ukoll ir-raba' u l-ħames talba, iżda tiċħas is-sitt u s-seba' talba;

**Rikors tal-konvenut datat 6 ta' Ottubru 2017**,[92] fejn talab lill-Qorti sabiex: (i) tnaqqas is-somma dovuta għall-manteniment taż-żewġ minuri, u (ii) tirrevoka l-ordni ta' żgumbrament fil-konfront ta' F G, omm it-tifel minuri tal-esponent;

**Risposta tal-attriċi datat 25 ta' Ottubru 2017**,[93] fejn topponi għat-talbiet kif dedotti;

**Digriet tas-27 ta' Ottubru 2017**,[94] fejn il-Qorti ċaħdet it-talbiet talkonvenut;

Stabbilit il-premess, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tipprovdi l-prinċipji legali relevanti u konsegwentament il-konsiderazzjonijiet tagħha fuq tali kwistjoni.

*<u>Il-Prinċipji Legali fir-Rigward tal-Kura, Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri:</u>*

[90] Fol. 322.
[91] Fol. 331.
[92] Fol. 340.
[93] Fol. 345.
[94] Fol. 352.

Rigward il-kura u kustodja, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem għalmet illi għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. H Portelli**[95] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza* estera *u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless,**[96] il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **H Cutajar vs. Amelia Cutajar et**.[97] u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. C Scicluna,**[98] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…".*

Tenut kont tal-prinċipji bażilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbażi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-

[95] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.
[96] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.
[97] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[98] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).

interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs Duncan Caruana**,[99] u **Marlon J vs Charlene Banks**[100] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna"*.

Fir-rigward ta' *__manteniment__*, il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jagħmel referenza għall-Artikolu 3B, hawn fuq ċitati. Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri kollha, ċjoe' miżżewġin, separati jew *single-parents*, għandhom l-istess obbligi versu uliedhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari iżda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjeż reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Il-Qorti tenfasizza illi l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri. Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

[99]Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[100]Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi u l-ħila tiegħu, u kif ukoll skont il-bżonnijiet tal-istess minuri.

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:*

Fir-rigward tal-kura u kustodja ta' E B, l-attriċi qiegħda titlob sabiex tiġi vestita b'mod esklussiv bil-kura u kustodja tal-minuri, filwaqt li min-naħa l-oħra l-konvenut qiegħed joġġezzjona għal tali talba stante li fil-fehma tiegħu ma teżisti l-ebda raġuni valida sabiex dan iseħħ. Tajjeb li jiġi sottolinejat illi fil-preżent il-minuri għandu sittax-il (16) sena u minn dejjem kien taħt il-kura u kustodja konġunta tal-ġenituri tiegħu.

Il-Qorti tibda sabiex tissottolineja illi meta titpoġġa f'sitwazzjoni fejn għandha tikkunsidra talba għall-kura u kustodja esklussiva, jitnissel l-obbligu fuq il-Qorti illi tiddetermina l-ewwel u qabel kollox x'inhu fl-aħjar interess tal-minuri. Għaldaqstant f'dan l-istadju għal Qorti huwa rrelevanti dak li jixtiequ l-ġenituri, iżda dak li għandu jiġi determinat b'mod assolut huwa x'inhu bżonnjuż u ta' benefiċċju għal minuri in kwistjoni. Dan jiġi delinejat b'mod partikolari fis-sentenza fl-ismijiet **Sylvia Melfi vs Philip Vassallo**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Novembru 1998:

*"In this case the court must to do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child. The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child".*

Fil-każ odjern, il-Qorti rat il-provi kollha mresqa u huwa evidenti illi bejn il-partijiet teżisti amożita' kbira. Madanakollu, il-Qorti tara li mir-rapporti magħmula mill-attriċi mal-Pulizija fil-konfront ta' żewġha dwar il-fatt li kien qed iħalli lill-minuri ma' terzi persuni, kif ukoll il-korrispondenza elettronika bejn l-attriċi u F G, u dik bejn D u l-konvenut, jirriżulta illi l-konvenut ma jaġixxix bil-*bonus paterfamilias* hekk kif mistenni minnu. Fl-istess waqt, il-Qorti tieħu ukoll in konsiderazzjoni ta' dak li ddikjarat F G fix-xhieda tagħha u ċjoe' li l-konvenut muġugħ dwar il-fatt li ma jarax lill-uliedu iżda fl-istess waqt tgħid ukoll li huwa ma jagħmilx sforz biżżejjed biex jarahom. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara li fl-atti saret ukoll referenza għal fatt li E B ġieli attenda għal sessjonijiet ma' psikologa, pero' prova ta' dan ma hemmx fl-atti.

Tenut iċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti hija tal-fehma illi f'ġieħ l-interessi supremi tal-minuri, il-kura u kustodja ta' E B għandha tgħaddi esklussivament f'idejn l-attriċi. Huwa inkonfutabbli li kienet l-attriċi li dejjem ħadet ħsieb il-bżonnijiet tiegħu, u għalkemm il-minuri għamel żmien jgħix ma' missieru, huwa ċar li tali perjodu kien wieħed qasir. Għalhekk u in vista ukoll tal-fatt li l-partijiet ma humiex kapaċi jkollhom konversazzjoni tal-inqas fuq l-interessi ta' uliedhom, huwa neċessarju għall-interessi tal-minuri li l-kura u kustodja ma tibqgħax konġunta. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Miriam Cauchi pro et noe vs. Francis Cauchi**,[101] fejn il-Qorti tal-Appell irriteniet illi hija *"tiskarta t-talba ghall-kustodja kongunta ghax, bhala sistema, mhux prattikabbli meta l-genituri ma jitkellmux bejniethom"*. Dan l-insenjament

[101] Deċiża nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (App. Nru. 2463/1999/1).

kompla ġie elaborat fis-sentenza **Scott Schembri vs Dorianne B**,[102] fejn il-Qorti saħqet illi *"filwaqt li tiddikjara li taqbel ma' tali pronunzjament izzid illi l-istess principju japplika fejn iz-zewg genituri m'humiex kapaci jitkellmu b'mod civili ma' xulxin li l-kura u kustodja ma ghandhiex tkun kongunta ghaliex immankabilment tkun sors ta' litigji ulterjuri b'detriment serju ghall-benessere tal-minuri".* Dan kollu ġie rikonfermat fis-sentenza fl-ismijiet **Claire Booker vs Roger Mahlangu**.[103]

Għalhekk il-kura u kustodja għandha tiġi fdata esklussivament f'idejn l-attriċi, b'dana illi l-minuri għandu jkompli jgħix mal-attriċi u b'hekk ir-residenza tal-minuri għandha tkun ġewwa Malta fid-dar fejn tirrisjedi l-attriċi. Madanakollu, u ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tawtorizza lill-attriċi sabiex tieħu waħedha u mingħajr l-ebda kunsens tal-konvenut, dawk id-deċiżjonijiet kollha li jirrigwardaw il-minuri, ta' natura ordinarja u kif ukoll straordinarja li jinkludu iżda mhux limitati għall-kwistjonijiet ta' saħħa, edukazzjoni, reliġjon, attivitajiet extra-kurrikulari, safar u applikar u tiġdid tal-passaport, liema passaport għandu jinżamm fil-pussess tal-attriċi.

<u>Fir-rigward tal-aċċess ta' E B</u>, *"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx <u>dritt ghall-access</u>, izda <u>obbligu</u> tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri, li, ghal dan il-ghan, jehtigilha ikollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli"* (sottolinejar tal-Qorti).[104]

Tenut kont tal-premess, il-Qorti tirribadixxi illi għalkemm il-minuri għandhom id-dritt li jgawdu kemm lil ommhom u kif ukoll lil missierhom, u m'għandhomx jiġu mċaħda minnhom jekk mhux abbażi struzzjoni professjonali. Dan kif ġie ribadit fis-sentenza fl-ismijiet **Romina Spagnol vs Thomas Spagnol**.[105]

---

[102] Deċiża mill-Qorti tal-Familja nhar it-30 ta' April 2015 (Rikors Numru 277/2012 RGM), mhux appellata.
[103] Deċiża mill-Qorti tal-Familja nhar is-7 ta' Diċembru 2017 (Rikors Numru 183/2016 RGM), mhux appellata).
[104] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Miriam Cauchi pro et noe vs. Frances Cauchi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (Appell Numru 2463/1999/1).
[105] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, kif preseduta, nhar is-27 ta' Ottubru 2021 (Rikors Numru 202/2014AL), mhux appellata.

Fiċ-ċirkostanzi odjerni, għalkemm għad hemm in vigore ordni tal-Qorti dwar l-aċċess, ma jirriżultax li tali ordni qiegħda tiġi osservata. Fi kwalunkwe każ il-Qorti hija tal-fehma illi tali ordni *pendente lite* m'għadux jagħmel sens fiċ-ċirkostanzi stante li l-minuri llum għandu sittax-il (16) sena u *di piu'* l-konvenut ma jżommx aċċess kostanti ma' ibnu. B'hekk il-Qorti hija tal-fehma u b'applikazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, illi fiċ-ċirkostanzi odjerni l-aċċess għandu jkun wieħed liberu fejn il-konvenut u l-minuri jifthemu bejniethom dwar meta għandhom jiltaqgħu, inkluz f'Jum il-Missier, għeluq żmien il-konvenut, fil-Milied, l-Ewwel tas-Sena, l-Għid, u għeluq żmien il-minuri. F'dan ir-rigward il-Qorti teżiġi lill-attriċi sabiex tiffaċilita tali aċċess stante li dan iservi ta' benefiċċju għal minuri nnifsu.

*Fir-rigward tal-manteniment ta' E B, kif ukoll ta' D B*, il-Qorti rat li skont id-digriet *pendente lite* tat-18 ta' Lulju 2017, il-konvenut kien ordnat iħallas is-somma ta' €500 fix-xahar bħala manteniment għal uliedu, liema digriet għadu *in vigore* sal-preżent. Mill-provi mresqa jidher li l-partijiet jinsabu f'impjieg, fejn il-konvenut għandu paga bażika filwaqt li fir-rigward tal-introjtu tal-attriċi ma tresqet l-ebda prova.

*Manteniment għal D B:*

In vista tal-fatt li D B huwa maġġorenni, il-Qorti tara illi għandu għoxrin (20) sena u hemm qbil bejn il-partijiet li huwa għadu qed jistudja fuq bażi *full-time* l-MCAST. Madanakollu ma hemm l-ebda prova tal-kors ta' studju li qed isegwi l-istess D B. Fi kwalunke każ, b'applikazzjoni ta' Artikolu 3B subinċiz (2)(a) tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti għandha d-dmir li taċċerta ruħha li D B jieħu dak il-manteniment li huwa bid-dritt intitolat għalih f'każ li għadu jistudja fuq bażi full-time ġialadarba għadu ma għalaqx l-eta' ta' tlieta u għoxrin (23) sena.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Anita Magro vs Kenneth Cassar**,[106] ġie ritenut illi *"Is-somma minima mogħtija mill-Qorti fil-preżent hija dik ta' €200 kull xahar jew erba' ġimgħat. Barra minn hekk u flimkien mal-manteniment, il-Qorti tiddeċiedi ukoll dwar l-ispejjez reltati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-wild. F'kaz li ma jiġix ezebit prospett tal-ispejjez involuti u/jew meta l-introjtu ikun wieħed baziku, din il-Qorti normalment tagħti s-somma ta' €75 fix-xahar jew erba' (4) ġimgħat".*

[106] Deċiża minn din il-Qorti, kif presjeduta, nhar il-15 ta' April 2021 (Rikors Ġuramentat Numru 262/2014 AL), mhux appellata.

Għaldaqstant u fir-rigward ta' D B, f'każ li dan għadu qiegħed jistudja fuq bażi full-time u qiegħed jirrisjedi ma' ommu jew stabbilixxa residenza alternattiva għalih nnifsu, b'applikazzjoni tal-Artikolu 3B subinċiz (2)(a) tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi jew lil ibnu, jiddependi jekk l-iben in kwistjoni jkunx qiegħed jirrisjedu ma' ommu jew għal rasu rispettivament, is-somma ta' €275 bħala manteniment għal D B kull xahar, liema somma tinkludi sehemu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni, u dan f'każ li l-istess wild ikun qiegħed jistudja fuq bażi full-time, sal-eta' massima ta' tleta u għoxrin (23) sena jew sakemm jintemmu l-istudji tiegħu, skont liema waħda minnhom tavverra ruħha l-ewwel. Dan il-manteniment jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li jista' jipperċepixxi minnu l-konvenut, u għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal- għoli tal-ħajja. Jekk nefrattemp it-tifel jagħżel li jmur igħix għal rasu u jkun qed jistudja fuq bazi *full-time*, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilu.

*<u>Manteniment għal E B:</u>*

Tenut kont illi l-kura u kustodja tal-minuri E B, hija fdata esklussivament f'idejn l-attriċi, bil-konsegwenza li dan ser ikun qiegħed jirrisjedi mal-attriċi stess, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tqis it-talba tal-manteniment għall-minuri in kwistjoni.

Għaldaqstant il-Qorti tordna lil konvenut, iħallas lil attriċi s-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) kull xahar għal minuri E B, liema somma tinkludi nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Dan il-manteniment jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li jista' jipperċepixxi minnu l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għall-minuri in kwistjoni sakemm il-minuri jagħlaq l-eta\` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita\` li l-minuri jagħżel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-eta\` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta\` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita\` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *children allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri. Jekk il-minuri jagħżel li jmur jgħixu għal rasu u jkun għadu jistudja fuq bażi *full-time,* il-manteniment għandu jitħallas direttament lilu.

**6. It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali:**

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet iżżewġu nhar is-17 ta' Marzu tal-2001, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

*Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Divizjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom:*

i. *Fir-rigward tad-dar matrimonjali bl-indirizz ta' "25A, Triq il-Kunċizzjoni, Birżebbuġia"*, il-Qorti tara li din il-proprjeta' immobbli nxtrat fiż-żwieġ u dan permezz ta' kuntratt li jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Andre Farrugia datat 2 ta' Marzu 2005. Magħdud ma' dan u minn rapport ġuramentat datat il-5 ta' April 2018 kif mħejji mill-Perit Silvianne Camilleri, jirriżulta li din il-proprjeta' ġiet stmata versu l-prezz ta' €100,000.

   Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni tas-sottomissjoni tal-attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, fejn saħqet illi: *"tigi assenjta sehem il-konvenut mid-dar in liu ta' parti mill-manteniment. L-esponenti ma hijiex f'pozizzjoni thallas wehedha ghal bzonnijiet tat-tfal ghalhek qed titlob li l-konvenut ikompli jhallas ftit manteniment"*.[107] Jirriżulta li l-kalkolu tal-attriċi sar abbażi tal-fatt li uliedha t-tnejn li huma jibqgħu jistudjaw sal-eta' ta' 23 sena. Madanakollu l-Qorti ma taqbilx ma' tali proposta u l-kalkolu tal-attriċi, għaliex fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma tarax ġust li tillikwida somma ta' manteniment għal minuri u dan billi tieħu in konsiderazzjoni tal-eta' ta' 23 sena, meta fil-verita' ma hemm l-ebda garanzija jew prova li ulied il-partijiet ser jibqgħu jistudjaw sa tali eta', hekk kif skont il-liġi l-manteniment jieqaf

[107] Fol. 609.

mal-eta' 23 sena *jew* meta jintemmu l-istudji, *skont liema minnhom tavverra ruħha l-ewwel*.

Għaldsqstant, il-Qorti tordna li dan il-fond għandu jitpoġġa għall-bejgħ fis-suq miftuħ, bi prezz maqbul bejn il-partijiet jew bi prezz stabbilit permezz ta' *average* ta' valutazzjoni ta' tlett (3) *estate agents* li jinġiebu wieħed minn kull parti u wieħed bi ftehim bejniethom b'dan li kull parti jkollha d-dritt li takkwista n-nofs sehem indiviż tal-parti l-oħra għall-istess prezz offrut lil terzi jew għal kwalunkwe prezz ieħor miftiehem bejn l-istess partijiet. Ir-rikavat għandu jiġi maqsum hekk:

(a) L-ewwel għandu jitħallas id-dejn kollu li hemm mal-banek, senjatament iżda mhux limitatament dak id-dejn mal-Bank of Valletta plc;

(b) Is-somma ta' €20,000 għandha tiġi assenjata lill-attriċi sabiex tkopri:

   (i) Sehemha mid-dħul tal-konvenut sa minn Ġunju 2014 u ċjoe' meta ż-żwieġ tkisser irrimedjabilment, liema dħul l-attriċi ma gawdietx minnu stante li l-konvenut kien f'relazzjoni ma' ħaddieħor, u kif ukoll,

   (ii) Xorta ta' kumpens għat-tbatija, is-sagrifiċċju, u l-impenn li uriet matul dawn is-snin taż-żwieġ filwaqt li żewġha kien qiegħed jonqos lill-attriċi bl-infedelta' u kif ukoll milli jieħu ħsieb il-familja u jaġixxi bil-*bonus paterfamilias*, filwaqt li;

(c) Tingħata lill-attriċi nofs il-valur tal-vetturi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, rappreżentanti sehemha mill-imsemmija vetturi assenjati lill-konvenut;

(d) Tingħata lill-attriċi dik is-somma ta' nofs il-valur tar-rifużjoni tal-VAT fuq il-vetturi li għaliha kien eleġibbli l-konvenut kif iddikjarat mir-rappreżetant tat-Transport Malta;

(e) Tingħata s-somma ta' €59 lill-attriċi bħala sehem il-konvenut mill-ispiża mħallsa lill-Perit Silvianne Camilleri sabiex ivvalutat id-dar matrimonjali;[108]

(f) Is-somma rimanenti tinqasam ugwalment bejn il-partijiet;

ii. *Fir-rigward tal-kontijiet bankarji*, il-Qorti tara illi l-partijiet għandhom kontijiet intesti f'isimhom waħedhom, flimkien u kif ukoll ma' terzi. Il-Qorti hija tal-fehma illi:

(a) Dawk il-kontijiet konġunti għandhom jingħalqu u l-bilanċ fil-kontijiet in kwistjoni għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet;

(b) Dawk il-kontijiet li l-partijiet għandhom intestati fuq isimhom waħedhom, il-Qorti tordna li kull parti għandha żżomm dawk il-kontijiet bankari ntestati f'isimhom u kif ukoll il-bilanċ miżmum fih.

(c) Dawk il-kontijiet intestati għan-nom ta' D B, dawn għandu jinqalbu fuq isem il-wild innifsu stante li huwa ormai maġġorenni;

(d) Dawk il-kontijiet intestati għan-nom ta' E B, dawn għandhom isiru jsejħu lill-attriċi, fejn din tal-aħħar għandha tkun il-firmatarja assoluta, b'dan li kull deċiżjoni spettanti lill-istess kontijiet għandhom jittieħdu mill-attriċi waħedha;

(e) Dawk il-kontijiet bankarji li l-partijiet għandhom flimkien ma' terzi, għandhom jibqgħu kif inhuma mingħajr ma jiġu mittiefsa;

iii. *Fir-rigward tal-vetturi*, il-Qorti tara li l-vetturi li jinsabu reġistrati fuq isem il-konvenut jiffurmaw kollha kemm huma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, għajr għal vettura tat-tip Ford Escort bin-numru ta' reġistrazzjoni JBC-515 li ġiet irreġistrata fuq isem il-konvenut mit-18 ta' Novembru 1999,[109] u b'hekk hija parafernali.

[108] F'dan ir-rigward ara x-xhieda tal-attriċi tal-11 ta' April 2018 (a fol. 411) fejn iddikjarat li ħalset is-somma ta' €118 bħala somma totali għas-servizz tal-Perit Silvianne Camilleri u li għadha ma tħallsitx nofsha mill-konvenut. Għal tali fini ppreżentat l-irċivuta fiskali (a fol. 567, 568), liema somma qatt ma ġiet oggezzjonata mill-konvenut.
[109] Fol. 293.

Il-vetturi kollha li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti għandhom jiġu assenjati lilu stante li l-attriċi ma għamlet l-ebda referenza sabiex dawn ikunu assenjati lilha. Madanakollu mill-atti ma jirriżultax li tresqet prova tal-valur tal-vetturi in kwistjoni, u b'hekk il-Qorti tinsab sprovvista minn prova essenzjali sabiex tkun f'pożizzjoni li tikkwantifika dak il-kreditu a favur l-attriċi rigward l-imsemmija vetturi. Il-Qorti hija fi kwalunkwe każ prekluża milli tillikwida tali ammont *arbitrio boni viri*, stante li dan il-prinċipju ma jistgħax jiġi addottat fin-nuqqas assolut ta' xi prova rigward l-istess. Għaldaqstant fiċ-ċirkostanzi l-Qorti qiegħda tissollecita lil partijiet sabiex bil-għajnuna tal-avukati tagħhom u persuni midħla fil-qasam tal-vetturi in kwistjoni, jiftiehmu fuq il-valur tagħħhom u dan fi żmien xahar mid-data meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat. Konsegwentament, il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi nofs il-valur kif miftiehem bejniethom, u dan rappreżentanti sehemha mill-imsemmija vetturi, liema sehem tal-attriċi għandu jitnaqqas ukoll mir-rikavat tal-bejgħ tad-dar matrimonjali;

iii. *Fir-rigward ta' allegat dejn mal-ġenituri l-attriċi*, ġie allegat hekk:

(a) Missier l-attriċi, fl-affiavit tiegħu allega illi xtara żewġ (2) vannijiet lill-konvenut, kċina *second hand*, u għinhom biex jixtru d-dar matrimonjali;

(b) Omm l-attriċi fl-affidavit tagħha allegat illi tawhom LM1,000 għal karma tas-sodda, LM2000 għal karozza, u LM3000 għal kċina;

(c) L-attriċi fl-affidavit tagħha allegat illi l-kċina xtrawha *secnd hand* versu l-prezz ta' €3,000, liema somma ġiet mislufa lilhom miz-zijiet tal-attriċi, u li hi ħalset €2000 liz-zijiet tagħha u b'hekk qed titlob nofs tali somma bħala sehem il-konvenut mid-dejn maz-zijiet tagħha. Talega ukoll li l-vettura Mitsubishi nxtrat bil-għajnuna ta' missierha billi tahom is-somma ta' €2,000.

Il-Qorti tara li ma tresqu l-ebda provi fir-rigward ta' dan l-allegazzjonijiet, u kif ukoll li hemm ċertu inkonsistenza fil-verżjonijiet. Għalhekk il-Qorti mhux ser tieħu konjizzjoni ta' dawn l-allegazzjonijiet.

*Elenku tal-Assi Parafernali tal-Partijiet u l-Assenjazzjoni tagħhom*

Fir-rigward ta' beni li ma jiffurmawx parti mill-komunjoni tal-akkwisti u kif ukoll assi dotali u parafernali, fil-kawża odjerna l-Qorti tara li l-unika referenza li saret kienet mill-attriċi fejn saħqet illi qabel iż-żwieġ kellha 'il fuq minn €13,976 (LM6,000), liema flus intużaw għal post u biex tħallas il-*fee* tal-Marsa, ghaliex il-konvenut ġiegħla tiġbidhom kollha. Barra minn hekk tgħid ukoll li b'tali somma xtrat ukoll l-*appliances* u anke l-kamra tas-sodda.[110] Nonostante tali allegazzjoni, il-Qorti tara li l-attriċi ma resqet l-ebda prova sabiex tissostanzja tali allegazjoni. Għalhekk il-Qorti mhux ser tieħu konjizzjoni ulterjuri ta din it-talba.

**DEĊIDE:**

Għalhekk u għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet stante li l-ħajja ta' bejn il-partijiet ma għadhiex iktar possibbli għaliex iż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u dan minħabba adulterju, moħqrija u nġurji gravi ai termini tal-Artikolu 38 u 40 tal-Kodiċi Ċivili, attribwibbli unikament lil konvenut;

2. Tilqa' limitatament it-tieni talba fir-rigward ta' E B, u tordna li l-kura u kustodja tal-imsemmi minuri tkun vesitita esklussivament f'idejn l-attriċi; il-Qorti mhux ser tieħu konjizzjoni ta' din it-talba fir-rigward ta' D B stante li llum huwa maġġorenni u ma għadx hemm relevanza għal tali talba; ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tawtorizza lill-attriċi sabiex tieħu waħedha u mingħajr l-ebda kunsens tal-konvenut, dawk id-deċiżjonijiet kollha li jirrigwardaw il-minuri, ta' natura ordinarja u kif ukoll straordinarja li jinkludu iżda mhux limitati għall-kwistjonijiet ta' saħħa, edukazzjoni, reliġjon, attivitajiet extra-kurrikulari, safar u applikar u tiġdid tal-passaport, liema passaport għandu jinżamm fil-pussess tal-attriċi; ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tordna illi fiċ-ċirkostanzi odjerni għandu jkun hemm aċċess li għandu jkun wieħed liberu, fejn il-konvenut u l-minuri jifthemu bejniethom dwar meta għandhom jiltaqgħu, inkluz f'Jum il-Missier, għeluq żmien il-konvenut, fil-Milied, l-Ewwel tas-Sena, l-Għid, u għeluq żmien il-minuri;

---

[110] Fol. 31.

3. Tilqa' limitatament it-tielet talba, billi:

   i. *In primis* tiċħad *rebus sic stantibus* it-talba fir-rigward ta' manteniment għall-attriċi personali, b'dana illi minkejja tali ordni, dan ma għandux ifisser li l-attriċi qiegħda b'xi mod titlef il-jedd tagħha li fil-futur titlob manteniment minn għand l-konvenut u dan f'każ ta' tibdil fiċ-ċirkostanzi li jikkonstrinġu lill-attriċi titlob lill-żewġha għajnuna finanzjarja permezz ta' manteniment;

   ii. Tgħaddi sabiex tiddikjara li l-intimat iddekada minn kull dritt li jitlob manteniment minn għand l-attriċi,

   iii. Fir-rigward tal-manteniment ta' ulied il-partijiet, tilqa' it-talba u tordna lill-konvenut biex:

      a. Iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) kull xahar għal minuri E B, liema somma tinkludi nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Dan il-manteniment jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li jista' jipperċepixxi minnu l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għall-minuri in kwistjoni sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jagħżel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *children allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri. Jekk il-minuri jagħżel li jmur jgħixu għal rasu u jkun għadu jistudja fuq bażi *full-time,* il-manteniment għandu jitħallas direttament lilu;

      b. B'applikazzjoni tal-Artikolu 3B subinċiz (2)(a) tal-Kodiċi Ċivili, iħallas lill-attriċi jew lil ibnu, jiddependi jekk l-iben in kwistjoni

jkunx qiegħed jirrisjedu ma' ommu jew għal rasu rispettivament, is-somma ta' €275 bħala manteniment għal D B kull xahar, liema somma tinkludi sehemu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni, u dan f'każ li l-istess wild ikun qiegħed jistudja fuq bażi full-time, sal-eta' massima ta' tleta u għoxrin (23) sena jew sakemm jintemmu l-istudji tiegħu, skont liema waħda minnhom tavverra ruħha l-ewwel. Dan il-manteniment jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li jista' jipperċepixxi minnu l-konvenut, u għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal- għoli tal-ħajja. Jekk nefrattemp it-tifel jagħżel li jmur igħix għal rasu u jkun qed jistudja fuq bazi full-time, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilu;

4. Tilqa' ir-raba' talba u tordna li l-manteniment għandu jitnaqqas direttament mis-salarju jew qligħ jew benefiċċju li l-konvenut jista' jaqla' u/jew jipperċepixxi;

5. Tilqa' il-ħames talba u xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-paritjiet, b'dan illi d-diviżjoni u l-assenjazzjoni għandha tkun skont il-provvediment tas-sitt (6) parti ta' din is-sentenza, u ċjoe' *'It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali'*;

6. Tiċħad is-sitt, s-seba' u t-tmien talba fir-rigward tad-diviżjoni tal-ġid komuni mhux formanti mill-komunjoni tal-akkwisti, u r-restituzzjoni u/jew likwidazzjoni tal-beni dotali u parafernali;

7. Tapplika *in toto* fil-konfront tal-konvenut dawk is-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 et seq tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta;

8. Ai termini tal-Artikolu 35 subinċiż 3 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tindika li n-numru progressiv ta' reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ tal-partijiet huwa 212/2001 u konsegwentament tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza ta' separazzjoni personali fi żmien tletin (30) jum mil-lum.

Il-Qorti tordna li l-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jiġu sapportati kollha mill-konvenut.